

Il-Parlament jiddikjara emerġenza klimatika



Il-PE jiddikjara emerġenza klimatika. L-MPE jridu azzjoni immedjata biex jitnaqqsu l-effetti fuq il-klima

- Jeħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura li l-proposti kollha huma allinjati mal-mira ta' 1.5°C
- L-UE għandha taqta' l-emissjonijiet tagħha b'55% sal-2030 biex issir newtrali fil-karbonju sal-2050
- L-emissjonijiet globali mit-tbaħħir u mill-avjazzjoni għandhom jitnaqqsu

Fil-Konferenza tan-NU L-UE għandha timpenja ruħha favur emissjonijiet netti żero tal-gassijiet b'effett ta' serra sal-2050, jgħid il-Parlament.

Qabel il-Konferenza tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima tal-COP25 f'Madrid 2–13 ta' Diċembru, il-Parlament nhar il-Flamnis approva riżoluzzjoni li tiddikjara emerġenza klimatika u ambjentali fil-Ewropa u globalment. L-MPE jridu wkoll li l-Kummissjoni tiżgura li l-proposti kollha huma allinjati mal-mira ta' 1.5°C.

F'riżoluzzjoni separata, il-Parlament iħeġġeġ lill-UE tippreżenta l-istrateġija tagħha biex tinkiseb kemm jista' jkun malajr in-newtralità klimatika, u, sa mhux aktar tard mill-2050, lill-Konvenzjoni tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima. Il-membri tal-PE stiednu wkoll lill-President il-ġdid tal-Kummissjoni Ewropea Ursula von der Leyen biex tinkludi mira ta' tnaqqis ta' 55 % tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra sal-2030 fil-Ftehim Ekoloġiku Ewropew.

Żieda fit-tnaqqis globali tal-emissjonijiet għall-avjazzjoni u t-tbaħħir

L-MPEs qalu li l-ambizzjonijiet attwali tal-avjazzjoni u t-trasport marittimu ma jilhqax it-tnaqqis meħtieġ tal-emissjonijiet. Il-pajjiżi kollha għandhom jinkludu l-emissjonijiet mit-tbaħħir u l-avjazzjoni internazzjonali fil-pjanijiet ta' kontribuzzjonijiet nazzjonali (NDCs) tagħhom. Huma ħeġġew lill-Kummissjoni biex tipproponi l-inklużjoni tas-settur marittimu fis-Sistema ta' Kummerċ tal-Emissjonijiet tal-UE (ETS).

Aktar appoġġ finanzjarju għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima

Il-pajjiżi tal-UE għandhom tal-anqas jirduppjaw il-kontribuzzjonijiet tagħhom għall-Fond Ekoloġiku internazzjonali, qal il-Parlament. L-Istati Membri tal-UE huma l-akbar fornituri ta' finanzjament pubbliku għall-klima u l-baġit tal-UE għandu jikkonforma bis-sħiħ mal-impenji internazzjonali tiegħu. Huma jinnotaw ukoll li l-wegħdiet mill-pajjiżi żviluppanti ma jilhqax l-għan kollettiv ta' USD 100 biljun fis-sena mill-2020.

Fl-aħħar nett, huma appellaw b'mod urġenti lill-pajjiżi kollha tal-UE biex gradwalment ineħħu s-sussidji kollha diretti u indiretti, għall-fjuwils fossili sal-2020.

Sfond

Ir-risoluzzjoni dwar id-dikjarazzjoni ta' emerġenza klimatika u ambjentali ġiet adottata b' 429 vot favur, 225 vot kontra u 19-il astensjoni. Il-Parlament Ewropew adotta r-risoluzzjoni dwar il-COP25 b' 430 vot favur, 190 vot kontra u 34 astensjoni.

[Għadd ta' pajjiżi, amministrazzjonijiet lokali u xjentisti](#) ddikjaraw li l-pjaneta tagħna qed tiffaċċja emerġenza klimatika.

[Il-Kummissjoni Ewropea diġà pproponiet il-mira ta' emissjonijiet netti żero sal-2050](#), iżda l-Kunsill Ewropew għadu ma approvaheix minħabba li l-Polonja, l-Ungerija u ċ-Ċekja huma opposti.

Il-Parlament fil-COP25

Il-COP25 se ssir f'Madrid fl-2–13 ta' Diċembru 2019. Il-President tal-Parlament Ewropew [David Maria Sassoli, \(S & D, IT\)](#) se jattendi l-ftuħ uffiċjali. [Delegazzjoni mill-Parlament Ewropew, immexxija minn Bas Eickhout \(Ħodor, NL\)](#), se tkun hemm bejn id-9–14 ta' Diċembru.

Għal aktar informazzjoni

[Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel](#)
[Ir-riżoluzzjonijiet approvati jkunu disponibbli hawnhekk \(28.11.2019\)](#)
[Pakkett awdjoviżiv dwar id-dibattiti dwar il-tibdil fil-klima](#)
[Delegazzjoni uffiċjali tal-Parlament Ewropew għall-COP25](#)
[Tgħarrif ta' riċerka tal-PE dwar il-konferenza dwar it-tibdil fil-klima tal-COP25 f'Madrid](#)
[Filmat dwar kif l-UE qed tiġġieled kontra t-tibdil fil-klima](#)
[Artikolu dwar l-UE u l-Ftehim ta' Pariġi:](#)
[Materjal awdjoviżiv bla ħlas](#)
[Is-sit web tan-NU dwar il-COP25](#)

Kuntatti

Thomas HAAHR

Press Officer

☎ (+32) 2 28 42976 (BXL)

☎ (+33) 3 881 72033 (STR)

☎ (+32) 470 88 09 87

✉ thomas.haahr@europarl.europa.eu

✉ envi-press@europarl.europa.eu
